Lezzjoni 7.1 Nimpenjaw ruħna fil-ħajja ta' kuljum.

Silta qasira

*Michela hija tifla li tħobb l-iskola. Il-ġimgħa l-oħra, l-għalliema tathom proġett dwar l-ambjent. Biex tagħmel dan il-proġett, Michela kellha tagħżel wied f'Malta u tikteb dwaru. Ladarba dan il-proġett kien parti mix-xogħol tal-iskola, hi kienet determinata li tieħdu bis-serjetà. Għamlet lista t'affarijiet biex tgħinha tqassam xogħolha aħjar. Dlonk bdiet il-proġett billi fittxet ftit informazzjoni dwaru ħalli ssir midħla tal-wied. Fi tmiem il-ġimgħa, imbagħad, hi u missierha rħewlha lejn iċ-Chadwick Lakes. Hawnhekk bdiet tieħu ritratti tal-blat u tal-pjanti differenti li setgħet tinnota. Fittxet ukoll bir-reqqa xi insetti li nzertaw kienu qed iħufu madwar il-fjuri. Ma naqasx ukoll li tieħu ritratti ta' skart mitfugħ bl-addoċċ fil-wied. Kien beħsiebha tikteb dwar dan ukoll. Issa li kienet ġabret l-informazzjoni, kien imissha tibda tikteb.*